MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Numru. 523/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**VS**
**MARVIN MALLIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marvin Mallia ta` 18-il sena, bin Mario u Maria Dolores nee` Borg, imwieled Pieta, nhar il-5 ta` April, 1988, residenti ‘Windsor House’, Flat 1, Triq il-Lacci, Bugibba, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 167388 (M).

Illi huwa akkuzat:

Talli fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Mejju 2006 ghal habta tal-23.30pm tas-27 ta’ Mejju, 2006, gewwa l-Ghassa tal-Qawra, Qawra:

a) Attakka jew aghmel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe` PC 277 Joseph Cini fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew aghmel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` PC277, Joseph Cini fil-waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuy jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekjuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Talli fl-istess jum, lok, hin ui cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC 277 Joseph Cini u dan bi ksur tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` ta’ mhux aktar minn Lm50.00 ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta

e) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli tal-Avukat Generali taht liema artikoli din l-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-Verbal tal-3 ta' Dicembru 2008 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi ggudikat minn din l-Qorti.

Ikkonsidrat:

L-ispettur Dennis Theuma a fol 17 et seq esebixxa l-istqarrija tal-imputat li jaghzel li ma jiffirmahix.

PS298 Joseph Grima xehed a fol 23 illi fid-data imsemmija fl-akkuza, Il-pulizija tal-Ghassa tal-Qawra ircevew rapport li kien hemm glieda fit-Triq fi Qalb ta' Gesu` u li l-Pulizija tal-Mobile Squad kienu diga fuq il-post. Ftit wara dahal Marvin Mallia l-ghassa sabiex jaghmel rapport u biex jaghmel tajjeb ghal bieb li kien kisser matul din l-imsemmija glieda. Dahlu wkoll zewg gharab akkumpanjati mill-Pulizija u Marvin Mallia ghamel mossa oxxena fil-konfront taghhom u gie imcanfar minn PS 277 Cini. Minn hawn qam battibekk bejn l-imputat u PC 277 li "kwazi" bdew jimbuttaw lil xulxin tant li "qamet konfuzjoni shiha" fl-Ghassa. PS Grima xehed illi f'dan l-incident, PS Cini kien wegga – fil-fatt kien kiser subghajh. PS Grima ma setax jinforma lil Qorti kif u come PS Cini kien kiser subghajh. PS Grima xehed li f'xi hin, l-imputat kien cempel lil missieru u gew l-genituri tieghu l-Ghassa. PS Grima xehed li sussegwentament l-imputat beda joffendi lil PS 277 bil-familja tieghu ghaliex l-imputat deherlu li PS 277 kien qieghed jappogga lil gharab. PS Grima xehed li wara l-battibekk bejn Mallia u PS 277 u wara li bdew jimbuttaw lil xulxin, (huwa PS Grima) ferraqhom u zamm lil imputat. Meta gew l-genituri tal-imputat, rega' beda l-ghajjat u t-tghajjir.

In kontro ezami, s-Surgent Grima xehed illi fil-glieda originali tal-Gharab kontra Marvin u shabu, kien l-imputat Marvin illi dahal jirraporta l-ghassa u dana il ghaliex kienu baghtuh jaghmel dan, il-pulizija tal-*mobile unit*. Huwa kien gie jirraporta wkoll illi kien ghamel xi hsara u li kien lest li jaghmel tajjeb ghaliha. Is-Surgent Grima xehed illi PC277 kien l-ghassa meta xi pulizija kienu arrestaw wiehed mill-

Gharab li kien iggieled mal-imputat Mallia. PS Grima xhed illi l-imputat kien ghamel mossa oxxena fid-direzzjoni tal-Gharbi u ghaldaqstant PC277 rega' ghajjat lill-imputat u canfru. PS Grima xehed li f'ebda hin ma gie allegat mill-imputat li kien qala' xebgha cunturin minn dawn l-Gharab u kien hemm biss imbuttar u argumenti. Is-Surgent Grima xehed li l-imputat u PC277 bdew jargumentaw "imbaghad minn hemm kwazi gew f'xulxin..." a fol 30. Is-Surgent Grima mar iferraq pero' sakemm hareg minn wara l-counter, l-imputat u PC277 kien qeghdin jiggieldu mal-art. Kien hemm ukoll prezenti, xi sitt membri tal-pulizija tal-mobile u pulizija mara. PS Grima xehed li PC277 beda jimbotta lil Marvin. Ma setghax jghid kif l-imputat u PC277 waqghu mal-art. A fol 32 PS Grima xehed li hu kien qed jiddefendi lil Marvin.

WPC 26 Marilyn Debono a fol 34, ikkonfermat l-istqarrija tal-imputat, ir-rapport li sar minnu, kif gew arrestati l-Gharab, kif l-imputat ghamel sinjal oxxen u kif PC277 canfru. Hija xehedet li l-imputat beda jitkellem b'mod vulgari. Qalet illi meta nqala' l-incident hija kienet dahlet f'kamra ohra u taf biss illi l-imputat u PC277 gew mifruda mill-pulizija. WPC 26 tinnega li rat lil PC277 jaghti daqqa ta' ponn lill-imputat ghaliex dak il-hin hija kienet qeda teskorata lill-Gharbi arrestat. Tghid ukoll, illi minn fejn kienet, hija ma setghetx tara lill-imputat u lil PC277 mal-art ghaliex il-bank tal-ghassa kien gholi. Hija ghamlet skizz a fol 44 tal-ghassa u tal-posizzjoni tal-protagonisti.

PC 1138 Andre Spiteri kkonferma x-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija l-iskontro meta dahal l-Gharbi arrestat, it-theddid da parti tal-imputat fuq il-pulizija "u insomma lil PC277 jigifieri spicca bil-qmis imqatta" u b'idu migghuwha. PC138 jinnega illi hadu lill-imputat ghall-kura u da istante li ma talabx, jinnega illi ra lil Marvin Mallia jaqla' daqqiet ta' sieq mill-pulizija. Innega wkoll li ra xi tbengil fuq il-persuna tieghu, huwa stqarr li l-imputat kellu l-qmis imqatta din kienet imqatta qabel ma dahal fl-ghassa u grat fil-glieda bejnu u l-Gharab. A fol 50 ammetta illi l-imputat kien mar l-ghassa il ghaliex kienet tkissret xi hgiega ta' bieb fl-iskontru mal-Gharab u l-imputat ried juri lill-pulizija li kien lest li jaghmel tajjeb ghaliha.

Spettur Josric Mifsud ikkonferma x-xhieda tal-membri tal-pulizja li ddeponew f'din il-kawza u gharaf lill-imputat.

Spettur Theresa Sciberras xehedet dwar in-notifika ta' PC277.

L-imputat Marvin Mallia xehed illi huwa jahdem ma' missieru f'restaurant f'San Pawl il-Bahar u li dak in-nhar kien qieghed il-*bumbing cars* ta' Bugibba. Kien hemm xi ghaxar Gharab li qalghu xi argument mieghu u ma' tlieta ohra minn shabu. Illi dan l-argument kien iddegenera tant li l-Gharb kienu taw lill-Maltin xebgha cinturin. Illi huwa mar jitlob l-ghajnuna lill-pulizija tal-*mobile unit* li kienu fil-vicinanzi u dawn arrestaw tnejn mill-Gharab. L-imputat xehed li huwa mar jaghmel rapport l-ghassa u jammetti illi dak il-hin kien ghadu rrabjat u ghamel mossa oxxena lill-Gharab u gie imcanfar minn PC277. Wara canfira l-istess PC277 beda jimbuttah il ghaliex haseb li l-mossa kienet intiza ghalih. L-imputat jghid li f'daqqa wahda PC277 tah daqqa ta' ponn, imbuttah u sawtu sakemm spicca mal-art bil-pulizija jippruvaw iwaqqfu lis-surgent. L-imputat xhed li dak iz-zmien huwa kellu biss 18-il sena. Huwa rnexxielu jikseb il-*mobile* telephone, cempel u talab lill-missieru biex jaghtih l-ghajnuna. L-imputat xehed li meta kien mal-art huwa gie imsawwat bil-ponn u bis-sieq, filfatt l-imputat jghid illi kien intervjena is-Surgent biex waqqaf lil PC 277. L-imputat ikkonferma illi wara dan huwa kien mar ghand Dr Mario Scerri sabiex jigi ezaminat.

Ix-xhieda ta' missier l-imputat imbaghad taghti stampa ta' x'ra insegwitu ta' telefonata minn ibnu ghall-ghajjut fejn meta dahal fl-ghassa, ra lil ibnu mixhut ghal tulu mal-art bil-pulizija fuqu xxejjer bil-ponn bl-addocc. Fil-fatt Richard Aguis xehed li sahansitra kienu membri tal-pulizija stess illi pprotegew lil ibnu.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinstab akkuzat b'resistenza bi vjolenza kontra l-pulizija bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kap 9, b'ingurja u theddid fuq il-pulizija ai terminu tal-Artikolu 95, kap 9 b'offiza ta'

natura gravi fuq il-kontistabbli 277 ai terminu tal-Artikolu 218 tal-Kap 9, bi hsara fuq uniformi tal-pulizija tal-Artiklu 325(c) tal-Kap 9 u bil-ksur tal-bon ordni tal-Artiklu 338dd tal-Kap 9.

L-akkuzi gravi li bihom jinsab mixli l-imputat u cioe' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, b'mod specjali ghat-tielet akkuza ma ggewx ipprovati lilhinn minn dubbju dettat mir-raguni ghas-semplici raguni li PC277 qatt ma xehed f'dawn il-proceduri u dana minkejja d-diversi opportunitajiet moghtija lill-prosekuzzjoni biex tressaq ix-xhud ewlieni taghha.Di piu' bl-istess manjiera ebda tabib ma gie prodott li b'xi mod titfa dawl fuq l-allegat griehi l-PC 277. L-istess proceduri u esebew ebda certifikat mediku ta' dawn l-allegat griehi li suppost gew inflitti fuqu mill-imputat.

Il-provi fil-fatt juru precizament il-kuntrarju u cioe' li l-imputat mar l-ghassa tal-pulizija biex jaghmel rapport fuq glieda ma' Gharab u biex jiehu r-responsabbilta' ghal ksur ta' hgiega li huwa ghamel waqt l-iskontru mal-Gharb. Meta wiehed minn dawn l-Gharab infatt gie arrestat mill-pulizija u wasal fl-istess ghassa, l-imputat ghamel mossa oxxena lil dan l-gharbi, li giet interpretata minn PC277 bhala mossa oxxenna indirizzata lilu. Illi minn hemm beda argument li spicca ddetterjorja rapidament u sarraf f'diversi griehi da parti ta' Marvin Mallia tant li s-Surgent prezenti spicca "jiddefendi lill-imputat".

In vista ta' dawn il-"provi" l-Qorti ssib lil imputat mhux hati skont l-akkuza u tilliberah. Tordna li kopji tal-istess sentenza tigi notifikata lill-Kumissarju tal-Pulizija ghal kwalunkwe azzjoni li jidhirlu xieraq.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------